MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2225/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company**

**vs**

**Leo Galea**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5ta' Novembru, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannata ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm185.37) in linea ta' Danni kawzati fejn il-konvenut kien responsabbli, liema incident gara H'Attard fit-18 ta' Mejju, 2003 bejn vettura Hyundai Nru 190181M misjuqa mill-attrici u l-vettura Nru SHA 683 misjuqa mill konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru, 2003 u bl-imghax legali minn notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap 380 tal-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Ra li ghalkemm l-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq lit kun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sebgha u tletin centezmi (Lm185.35) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap 104, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------